*triq tal-ġenna. Matul dawn is-sekli kollha l-Knisja ltaqgħet ma' tehdid, tfixkil, għawġ u qerda, iżda hi qatt ma mejlet rasha quddiem il-ħażen u l-Kap tagħha qatt ma qabel ma' l-imgħawweġ. Ġrajja bħal dik tal-Knisja, li seħħet fil-medda ta' għoxrin seklu, ġrajja ta' rebħiet, ta' qima, ta' għożża u ta' tjieba, tixhed l-Id ta' l-Imgħallem Divin li jmexxiha mis-Sema.*

*Il-Knisja bħala Omm Ħanina dejjem fittxet li tlaqqa' l-ħajja tal-fidili mal-ħtiġijiet taż-żminijiet, iżda bla ma qatt messet il-qofol tat-tagħlim u tat-twemmin tagħha, għax il-Knisja trid li wliedha ma jibqgħux miġburin bejniethom qishom f'dawra tal-ħadid, imma tixtieqhom joħorġu u jitħalltu mal-popli ħalli bil-għamil u bil-kelma jxerrdu fosthom it-tagħlim veru u jiġbduhom għal ħdan il-Vigarju ta' Kristu.*

*Din kienet il-fehma tal-Papa Ġwanni XXIII meta sejjaħ il-Konċilju Ekumeniku Vatikan u din kienet il-ħidma tiegħu, ħidma li f'erba' snin qisha b'miraklu, ġibdet lejh l-ammirazzjoni, il-qima u l-ħbiberija ta' Kapijiet u tal-kotra, tal-għolja u taż-żgħar, bnedmin ta' kull ġens, Insara u m'humiex. Id-dinja kollha kienet tgħożż il-Papa Ġwanni u aħna l-Maltin għandna motiv nibqgħu niftakruh għax fost il-Papiet kollha hu kien l-ewwel wieħed li kellimna bl-ilsien tagħna l-Malti fl-1960 fl-okkażjoni tal-Festi Ċentinarji ta' San Pawl, u jixraq li fil-Furjana, fejn il-Maltin kienu miġburin meta semgħuh jitkellem bil-Malti, għallinqas tissemma triq jew pjazza għall-Papa Ġwanni XXIII.*

*Is-sejħa ta' Papa Ġwanni tant instemgħet u tant dwiet fid-dinja u tant wieġbu għaliha l-ġnus, li nisslet bħal xejra għal ftehim li dehret bħal dawl jiddi fost id-dlamijiet ta' għira u mibegħda li jaħkmu d-dinja tal-lum. Papa Ġwanni, barra li mexxa bis-sedqa l-Knisja ta' Kristu, ħadem ukoll għall-ġid tal-bnedmin u għal ftehim bejniethom;* non solum ad Christi sponsae incrementum, sed etiam ad universae hominum consortionis utilitatem. *Għalhekk meta Ġwanni għalaq għajnejh u laħaq f'loku Pawlu VI, dan ma setax jonqos li jwiegħed bil-ħrara ta' qalbu kollha li jissokta l-ħidma tal-mibki Papa ta' qablu.*

*Il-Papa Pawlu għandu għerf, għaqal u ħila u fuq kollox ħeġġa biex imexxi d-dgħajsa ta' Pietru lejn il-port tal-barka u s-sliem kif kien qiegħed imexxiha Ġwanni. Il-Konċilju Vatikan li baqa' sejjer fl-istħarriġ tiegħu taħt it-tmexxija tal-Papa l-ġdid, jinkiteb fl-istorja tal-Knisja bħala ġrajja ewlenija għax, bil-għajnuna t'Alla, inissel tiġdid ta' ħrara fost l-Insara u jqajjem tqanqila biex jingħaqdu flimkien u jinfirex it-Twemmin waħdieni fost il-ġnus tad-dinja.*



# EPIGRAMMI

*Ta'* John Sciberras

### KOLLEZZJONISTA

N.N. għandu manija għall-kollezzjoni
u jġemma' bolol, friefet, u ġurati...
'Mma l-ikbar waħda li qatt kellu s'issa,
u għadha mhix mitmuma, hi tan-namrati!

### ARTI MODERNA

Biex jagħmel ponta rqiqa t-tifel qabad
fuq karta jħażżeż li, b'kumbinazzjoni,
raha d-*drawing master*, li malajr ħadhielu
u t'ha premju sabiħ fl-Esibizzjoni!

### EPITAFF GĦAL XĦIĦ

Hawn hu midfun l-akbar eroj tad-dinja
li għalkemm kellu flejjes kemm irid
għażel li jgħix ta' fqir biex il-werrieta
ikunu jistgħu jgħixu bla taħbit!

### DE LESSEPS U NASSER

L-imsejken De Lesseps dam tnax-il sena
jaħdem mingħajr serħan b'ħafna taħbit
biex fetaħ il-Kanal li, meta deherlu,
Nasser f'jum wieħed reġa' għalaq mill-ġdid.

### LIL SIR ANTHONY EDEN
**(Meta laħaq Prim Ministru)**

Mal-kumplament tad-dinja aħna rridu
ningħaqdu biex f'dal-jum nifirħu miegħek,
forsi ma tafx kif, bi tpattija, għad tbiddel
lil dil-gżira tax-xemx fil-kunjom tiegħek!

### IL-GRAN MASTRU LASCARIS

Bena kastelli, djar, u sptar mill-aqwa,
u għamel ġid lil Malta kif imiss,
iżda t-tifkira waħdanija tiegħu
hi wiċċ ikrah biss.